IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# It-Tmien Legislatura

# Laqgħa Numru 09

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u kwart ta' filghaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**SKUŻATI B`APOLOGIJA:**

Is-Sur Anton Gellel - Kunsillier
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv
Is-Sinjura Marisabel Spiteri – Skrivana

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

### 09.1  Qari ta` Ittri ta` Apologija

Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li s-Sur Anton Gellel u s-Sur Trevor Mizzi talbu biex jigu skuzati minhabba ragunijiet personali. Dawn it-talbiet gew milqugha minn dawk prezenti.

### 09.2 Korrispondenza

09.2.1 Prezentata korrispondenza dwar konferenza li ser ssir gewwa Penedes, fi Spanja bejn il-31 ta` Ottubru u 2 ta` Novembru 2019 tal-progett bl-isem CUT Project.

09.2.2 Prezentata korrispondenza mibughta mill-Assoccjazzjoni ALDA dwar konferenza internazzjonli li ser ssir gewwa Moska u St.Petersbourg bejn id-29 ta` Ottubru u l-1 ta` Novembru 2019. F`din il-konferenza ser jigu diskussi soluzzjonijiet ghall-awto governanza lokali u dwar demokrazzija partecipattiva. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill wera l-interess tieghu biex jippartecipa f`din il-konferenza.

09.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ircieva korrispondenza dwar progett li jaqa taht il-programm Erasmus+, fejn il-Kunsill gie mitlub jibghat erbgha Zghazagh bejn it-18 u 30 sena u *group leader* biex jirrparezentaw lill-Birgu gewwa Roccolumera fi Sqallija bejn it-18 u 22 ta` Novembru 2019. Is-Sindku ssugerriexa sabiex tintbghat ittra f`kull dar biex dawk iz-zghazagh ta` din l-eta u li huma nteressati li jirraprezentaw il-Birgu, jinfurmaw lill-Kunsill. Dwar dan il-proponiment kien hemm qbil unanimu.

09.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar korrispondenza li nbghatet dwar progett bl-isem *"THRUST"* li jaqa taht il-programm Europe for Citizens, sabiex il-Kunsill jibghat hamsa minn nies ghal konferenza li ser issir f`Vila Nova de Cerviera fil-Portugal bejn l-24 u 28 ta` Ottubru 2019. Ghal din il-konferenza, is-Sindku propona li jmorru tlieta minn nies minhabba l-finanzi u propona li jmorru huwa bhala Sindku, is-Sinjorina Marisabel Spiteri, impjegata klerikali tal-Kunsill u s-Sur Lawrence Parascandalo, voluntier tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

09.2.5 Giet diskussa l-proposta li ressaq is-Sur Jason Portelli, kunsillier sabiex jibdew issiru sezzjonijiet ta` taghlim b`xejn lill-tfal mill-Birgu minn 12`il sena `l isfel taht is-supervizzjoni ta` voluntier mill-Birgu, is-Sur Joe Sciberras fejn ser jitghallmu jaghmlu prespju biex b`hekk f`Dicembru ssir esebizzjoni zghira tal-presepji li jkunu saru. Is-Sur Sur Boxall propona sabiex dawn is-sezzjonijiet jibdew isiru s-Sibt filghodu gewwa l-Berga ta` Franza u jibdew mit-2 ta` Novembru 2019 ghal sitt gimghat konsekuttivi. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

09.2.6 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet lis-Sur Kevin Fsadni dwar it-8 mappep tal-Birgu, fejn sa` llum twahhlet mappa wahda tal-Birgu fiz-zona ta` Couvre Porte. Fl-istess korrispondenza, is-Sindku rringrazzja lill-Awtorita Maltija ghat-Turizmu ghal ghajnuna finanzjarj li nghtat biex seghtu jsiru dawn il-mappep.

09.2.7 Giet prezentata korrispondenza li nbghatet mill-Assocjazzjoni Mayors for Peace fejn il-Kunsill gie mistieden biex jidhol f`din l-Assocjazzjoni. Il-mizata fis-sena hija ta` sittax – il ewro. Dwar dan kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

09.2.8 Prezentata l-poster tal-Birgufest 2020, fejn din giet approvata minn dawk prezenti. Is-Sindku talab sabiex din tibda tigi ccirkulata.

09.2.9 Giet moqrija korrispondenza dwar proposta biex issir attivita f` St. Patrick`s Day fil-Birgu Waterfront. Il-Vici Sindku ssuggeriexxa li din l-attivita m`ghandhiex issir u dan ghal fatt li attivita simili ssir f`lokalita ohra. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti biex ma jinghatax il-permess sabiex issir din l-attivita.

09.2.10 Mibughta korrispondenza lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex fil-lokalita tal-Birgu tigi ntrodotta is-sitema tal-Pulizija fil-Komunita u dan ghal fatt li dan is-servizz ha jkun ta` beneficcju kbir ghar-residenti u ghal dawk il-barranin li jkunu f`din il-lokalita.

09.2.11 Is-Sindku prezenta petizzjoni li ngbaret mir-residenti ta` Triq Desain u Triq l-10 t`Awwissu dwar attiviatjiet socjali fi Triq Desain. Il-Vici Sindku propona li din il-korrispondenza ghandha tigi diskussa meta kulhadd ikun prezenti. Din it-talba giet milqugha minn dawk prezenti.

09.2.12 Gie prezentata korrispondenza li ntbghatet liz-zewg ex-kunsilliera sabiex jirritornaw lura tablet li kien inghatalhom mill-Kunsill matul l-ahhar

legislatura. Ghal din il-korrispondenza, wiehed mill-ex Kunsilliera talab sabiex izomm dan it-tablet u lest anke li jhallas tieghu u dan ghal fatt li ghandu xi ritratti u xi korrispondenzi li jixtieq izomm. Dwar dan dawk prezenti proponew li jsir il-hlas ta` kemm jiswa l-mudell ta` tablet fil-prezent.

09.2.13 Prezentat l-overtime tal-haddiema tal-CWES ghax-xahar ta` Settembru 2019. Dan giet approvat minn dawk prezenti.

09.2.14 Prezentat l-overtime tal-haddiema klerikali tal-Kunsill ghax-xahar ta` Settembru 2019, liema overtime gie approvat minn dawk prezenti.

09.2.15 Giet ipprezentata lista ta` pagamenti tal-Petty Cash ghax-xahar ta` Settembru 2019, liema lista giet approvata minn dawk prezenti.

**09.3 Resume Birgufest 2019**

09.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kunsill ghad irid jigbor xi donazzjonijiet Is-Sur John Boxall zied jghid li jekk hemm xi flus li l-Kunsill irid johrog mill-fondi tieghu, mhux ser ikunu hafna. Gie prezentat ir-rendikont ta` spejjez u dhul li hemm sa` llum, fejn dan gie approvat unanimament.

09.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li l-Kumitat tal-Partit Nazzjonalista kien ghadu ma hallasx il-permess u li l-hwienet li ma ramawx stand barra ma taw l-ebda donazzjoni lill-Kunsill.

09.3.3 Is-Sindku talab sabiex ghas-sena diehla terga tiehu hsieb din l-attivita, is-Sinjorina Marisabel Spiteri, impjegata mall-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku kompla billi qal li f`Marzu li gej irid johrog avviz fuq il-gazetta tal-gvern ghal dawk li huma nteressati jarmaw xi stand tal-ikel waqt din l-attivita. Is-Sur Boxall ma eskludiex li l-Kunsill ser jibqa` jghin lill-ghaqdiet volontarji tal-lokal billi jzommu l-posta taghhom. Is-Sindku kompla billi qal li l-fee toghla b`hamsin ewro u li l-qies tal-stall jibqa` l-istess bhal ta `din is-sena u ghal dawk li ser jikruha lill-haddiehor ser tizdied bi tlett mitt ewro u l-qies ikun dak ta` erbgha metri. Is-Sindku konkluda li sa` Mejju jrid isir id-depozitu. Dwar dawn il-proponimenti kien hemm qbil hemm minn dawk prezenti.

**09.4 Attivitajiet relatati mall-Festi tal-Milied**

09.4.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghal sena l-ohra ser jerga` jintrama l-presepju mekkanizat fl-intrata principali tal-Berga ta` Franza. Is-Sindku

propona sabiex f`lejliet il-Milied jinxteghlu xi toroq bix-xemghat , fejn ghal dan il-proponiment kien hemm qbil min dawk prezenti.

09.4.2 Il-Vici Sindku ghamel referenza dwar il-bambin li kien jintuza snin ilu, fejn talab sabiex niktbu lis-Socjeta tal-Muzew tal-Birgu biex dan il-bambin jinghata lill-Kunsill u jigi esebit fil-binja amministrattiva tal-Kunsill.

09.4.3 Is-Sindku propona sabiex ghal lejliet il-Milied, il-Kunsill jerga` jistieden lil taz-zaqq u tanbur biex jaghtu esebizzjoni taghhom fuq iz-zuntier tal-Knisja. Is-Sur Boxall issugerriexa biex ghal din is-sena din l-esebizzjoni ssir fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Lunzjata. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

09.4.4 Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jingabru l-kwotazzjonijiet ghat-tizjin ta` toroq bid-dawl tal-Milied.

09.4.5 Is-Sur John Boxall propona sabiex il-party tal-Milied li jsir lit-tfal tal-Birgu jsir nhar il-Hamis 12 ta` Dicembru 2019, lejliet festa. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

09.4.6 Is-Sindku talab lis-Segretarju tal-Kunsill ticcekja mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk hux ser tinhareg xi skema relatata mat-tizjin tal-Milied.

09.4.7 Is-Sindku propona sabiex issir party ghall-anzjani tal-lokalita fi zmien il-festi tal-Milied, fejn issugerriexa biex din id-darba jsir f`wahda mis-swali gewwa Forti Sant` Anglu nhar it-18 ta` Dicembru 2019. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

09.4.8 Is-Sindku ssugerriexa li jsir festin zghir bejn il-voluntiera tal-Kunsill u l-ghaqdiet tal-lokal nhar il-Hadd 29 ta` Dicembru gewwa sala tal-Berga ta` Franza. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

**09.5 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni mis-Sindku

**09.6 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kienx hemm.

**09.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta`pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 5037 sa` BOV 5097 kif ukoll ic-cekkijiet bin-numri HSBC 9797 sa` HSBC 9801. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 20 ta` Settembru sal-15 ta` Ottubru 2019.

**09.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-sebgha ta` filghaxija (7.00pm). Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 5 ta` Novembru 2019 fil-hamsa ta` filghaxija.

Konfermati illum it-Tnejn 2 ta` Dicembru 2019

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |